MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### MARK CHETCUTI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1079/2011

**Mediterranean Trading Shipping Company Limited**

**vs**

**M/V IRMAK**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta rikorrenti tat-3 ta' Novembru 2011 fejn intqal hekk:

1. Illi l-bastiment M/V Irmak dahal Malta fil-5 ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) wara li zvillupa hsarat fil-magni tieghu f'ibhra internazzjonali;

2. Illi il-bastiment iddahhal Malta ghal tiswijiet necessarji u ghalhekk is-socjeta rikorrenti giet appuntata bhala l-agent tal-imsemmi bastiment;

3. Illi sal-llum jidher li dawn it-tiswijiet ghadhom ma sarux u l-bastiment ghadu wieqaf fil-facilitajiet tas-socjeta Cassar Ship Repair Limited;

4. Illi f'dawn l-ahhar xhur, is-socjeta rikorrenti forniet bosta servizzi lil bastiment liema servizzi huma elenkati fil-fattura datata 11 ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax, hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok. A. Dawn is-servizzi jaqaw taht l-artikolu 742B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe: servizzi relatti ma' materjal, provizjonijiet, provvisti u necessitajiet forniti lil vapur ghat-thaddim, immaniggar, zamma u manutenzjoni tieghu;

1. Illi l-ammont totali dovut ghal tali servizzi huwa ta' seba' u erbghin elf, mija u tlieta u disghin euro u disgha u tlettin centezmu (€47,193.39) u huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-bastiment konvenut lis-socjeta rikorrenti;

2. Illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma thallasx mill-bastiment konvenut u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

3. Illi fl-umli fehma tas-socjeta rikorrenti, il-bastiment konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti ghat-talbiet tal-attrici;

Jghid ghalhekk il-bastiment konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal- Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-bastiment M/V IRMAK huwa debitur tas-socjeta rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Company Limited ghas-somma ta' seba' u erbghin elf, mija u tlieta u disghin euro u disgha u tlettin centezmu (€47,193.39) ghal diversi servizzi relatti ma' materjal, provizjonijiet, provvisti u necessitajiet forniti lil bastiment ghat-thaddim, immaniggar, zamma u manutenzjoni tieghu kif ukoll servizzi ohra ancillary u relatati;

3. Tikkunda lill-bastiment konvenut M/V IRMAK sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Company Limited is-somma ta' seba' u erbghin elf, mija u tlieta u disghin euro u disgha u tlettin centezmu (€47,193.39) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra s-socjeta intimata li tibqa ingunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat illi rikors gie debitament notifikat fis-6 ta' Dicembru 2011 lil Abdullah Sahin, Kaptan tal-vapur konvenut;

Rat il-verbal tad-9 ta' Dicembru 2011 fejn deher l-istess Kaptan Abdullah Sahin li ddikjara li hu baghat id-dokumenti li rceva fis-6 ta' Dicembru 2011 dak in-nhar stess lis-sidien tal-vapur gewwa Istanbul u li ghadu ma rceva ebda risposta;

Ezaminat  l-atti tal-kawza;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tal-14 ta' Dicembru 2011;

Rat illi meta ssejhet il-kawza fl-14 ta' Dicembru 2011 deher il-Kaptan Abdullah Sahin li informa l-Qorti li ma sema' xejn minghand is-sidien tal-bastiment;

Rat illi ma ngibet ebda difiza valida ghat-talbiet attrici u dan billi ebda rapprezentant tal-vapur konvenut ma deher biex jikkontesta t-talbiet;

Xehed bil-gurament tieghu Peter Sullivan, rapprezentant tas-socjeta attrici li kkonferma li d-debitu ghadu kollu dovut;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d'ostakolu ghad-9 ta' Jannar 2012;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw gustifikati;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti, u ghalhekk qed tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-bastiment konvenut), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------